MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 930/2001/1

**Hal Mann Projects Ltd (gia' maghrufa bhala Hal Mann Tiling Projects Limited).**

**vs**

**Victor u Rose konjugi Zammit.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-
Illi permezz ta' kuntratt t'appalt datat 24 ta' Mejju 1995, il-konvenuti konjugi Zammit inkarigaw lis-socjetà attrici *to carry out works as listed on schedule marked "A" on page 6 herein after referred to as Schedule "A" of this agreement…,* fil-fond Plot 8, Triq Jena Houel, Birguma, San Pawl tat-Targa, liema fond huwa di propjetà tal-konvenuti konjugi Zammit, Dok. "HPL 1".

Illi dawn ix-xoghlijiet esegwiti mis-socjetà attrici ghall-konvenuti konjugi Zammit fuq inkarigu ta' l-istess konvenuti, konjugi Zammit kienu jikkonsistu fil-provvista u tqeghid ta' madum tac-ceramika u x-xoghlijiet kollha relatati ma' dan l-istess tqeghid fl-imsemmi fond.

Illi l-valur komplessiv ta' dawn ix-xoghliiet, hekk kif irrizulta wara l-esekuzzjoni ta' l-istess xoghlijiet, jammonta ghal wiehed u tletin elf, mitejn u erbghin Lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm31,240.34), Dok. "HPL 2".

Illi l-konvenuti konjugi Zammit ghamlu pagament akkont ta' hamest elef, mija u sittin Lira Maltija (Lm5,160).

Illi llum is-socjetà attrjci hija kreditrici tal-konvenuti konjugi Zammit fl-ammont ta' sitta u ghoxrin elf u tmenin lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm26,080.34), rapprezentanti r-rimanenti bilanc.

Illi l-imsemmi ammont huwa kreditu cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjetà attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-**artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh, billi fil-fehma ta' l-istess socjetà attrici, il-konvenuti konjugi Zammit m'ghandhom ebda eccezzjoni xi jressqu kontra t-talba attrici ghall-hlas ta' l-imsemmi ammont, Dok. "HPL 3".

Illi *nonostante* diversi talbiet ghall-hlas il-konvenuti konjugi Zammit baqghu inadempjenti u ma hallsux.

Illi ghalhekk is-socjeta` attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

(1) Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tas-socjetà attrici bid-dispensa tas-smigh tal-kawza *ai termini* ta' l-**artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligjjiet ta' Malta;**

(2) Tikkundannhom ihallsu lis-socjetà attrici s-somma ta' sitta u ghoxrin elf u tmenin lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm26,080.34), bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-valur ta' provvista u tqeghid ta' madum ta'

ceramika u x-xoghlijiet kollha relatati ma' dan l-istess tqeghid esegwit mis-socjetà attrici fil-fond di propjetà tal-konvenuti konjugi Zammit, fuq inkarigu ta' l-istess konvenuti konjugi Zammit.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju pprezentat mis-socjetá attrici kontra l-konvenuti konjugi Zammit fis-17 ta' Mejju 2001, u bl-imghax legali dekoribbli mid-data tat-terminazzjoni tax-xoghlijiet sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 21 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti tad-9 ta' Lulju 2001 a fol. 41 fejn gie eccepit:-

1. Illi l-ammont mitlub m'huwiex dovut u dan billi l-konteggi attrici huma zbaljati *stante* li ma jihdux in konsiderazzjoni id-depozitu effettivament imhallas, uhud mill-pagamenti effetwati kif ukoll il-valur ta' xoghol ritornat lill-kumpanija attrici.

2. *Inoltre*, l-ammont mitlub m'huwiex dovut billi l-atturi naqsu li jespletaw l-inkarigu taghhom finalment u ghad jonqsu diversi xoghlijiet, dan kif ser jigi dettaljatament ippruvat tul is-smigh tal-kawza. Illi l-valur ta' dawn ix-xogholijiet mhux imwetqa ghandu jitnaqqas mill-kont in kwistjoni.

3. Illi l-valur effettivament dovut ghad ghandu jigi likwidat, occorrendo permezz ta' periti nominati.

4. It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol. 42 u 43 tal-process;

Rat il-verbali tas-26 ta’ Gunju 2001 fejn xehed Victor Zammit u l-Qorti pprefiggiet terminu ta’ ghoxrin gurnata (20) ghall-prezentata ta’ l-eccezzjoni tieghu, tat-13 ta’ Novembru 2001 fejn xehed **Ray Vella**; ta’ l-10 ta’ Jannar 2002 fejn il-Qorti nnominat lill-Perit Valerio Schembri bhala Perit Tekniku sabiex jiffissa access fil-prezenza tal-Qorti; tat-28 ta’ Frar 2002; tal-11 ta’ April 2002 fejn Dr. Gabriella Vella nfurmat lill-Qorti li l-partijiet se jitransigu l-kawza u ghalhekk il-Qorti rrevokat l-inkarigu tal-Perit Tekniku; ta’ l-24 ta’ Ottubru 2002; ta’ l-4 ta’ Frar 2003; u ta’ l-20 ta’ Marzu 2003 fejn Dr. Gabriella Vella pprezenta nota ta’ riduzzjoni u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-21 ta’ Mejju 2003;

Rat ix-xhieda tal-**konvenut Victor Zammit** (a fol. 38), ta’ **Ray Vella** (a fol. 48);

Rat in-nota tas-**socjetà attrici** tas-27 ta’ Novembru 2001 fejn permezz taghha pprezentat prospett ta’ pagamenti mmarkat bhala Dok. “X”;

Rat in-nota tal-**konvenuti** tad-9 ta’ Jannar 2002 fejn biha pprezentaw l-affidavit ta’ Victor Zammit u kopji ta’ zewg kuntratti;
Rat il-verbal ta’ l-access tad-29 ta’ Jannar 2002 fil-fond Plot 8, Triq Jena Houel Birguma, San Pawl tat-Targa;

Rat in-nota tas-**socjetà attrici** tas-26 ta’ Frar 2002 fejn permezz taghha resqet ir-repliki taggha ghall-allegazzjonijiet tal-konvenuti;

Rat in-nota tas-**socjetà attrici** tas-26 ta’ Marzu 2002 fejn permezz taghha rriduciet it-talba attrici originali ta’ sitta u ghoxrin elf, tmenin lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm26,080.34) bl-ammont ta’ tlett elef lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm3,000.34) u b’hekk, it-talba dovuta lis-socjetà attrici hija ghall-ammont ta’ tlieta u ghoxrin elf u tmenin lira Maltija (Lm23,080);

Rat in-nota tas-**socjetà attrici** tad-29 ta' Ottubru 2002 li biha esebiet vera kopja ta' skrittura ta' tranzazzjoni ffirmata bejn il-partijiet fl-10 ta' Ottubru 2002;

Rat in-nota tas-**socjetà attrici** pprezentata seduta *stante* fis-seduta ta' l-20 ta' Marzu 2003 fejn biha rriduciet it-talba taghha ghal tlett elef lira Maltija (Lm3,000);

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-partijiet f'din il-kawza waslu ghal tranzazzjoni datata 10 ta' Ottubru 2002 li abbazi taghha ftehmu fuq l-ammonti li kellhom jithallsu mill-konvenuti bil-mod kif indikat fl-istess skrittura, tant li llum il-bilanc tas-sorte abbazi ta' l-istess skrittura huwa ta' tlett elef lira Maltija (Lm3,000).

Illi m'huwiex kontest li l-istess bilanc mis-sorte huwa dovut mill-konvenuti, pero' skond l-istess skrittura dan l-ammont jew ahjar l-ammont hemm indikat ta' tlett elef, mija u ghoxrin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm3,120.50) kellhom jithallsu appena jitlestew ix-xogholijiet kontemplati fil-prospett anness ma' l-istess skrittura mmarkata bhala Dok. "HMPL 2" li jinsab esebit a fol. 107 tal-process.

Illi jidher li minn imkien ma jirrizulta li l-istess xogholijiet gew maghmula mis-socjeta' attrici, anke jekk mhux car jekk dan kienx dovut ghal xi nuqqas *da parte* tas-socjeta' attrici jew tal-konvenuti, *stante* li ma jidher li ma gie dikjarat xejn dwar l-istess mill-partijiet, u m'hemm xejn fl-istess skrittura dwar xi nuqqas ta' parti jew ohra f'dan ir-rigward.

Illi ghalhekk hija fl-isfond ta' din it-tranzazzjoni, li tidher li tirrizulta li ghadha veljanti, li t-talba attrici kif ridotta ghandha tigi deciza, u ghalhekk abbazi tal-ftehim milhuq bejn il-partijiet fil-mori tal-kawza m'hemm l-ebda dubju li t-

talba attrici ghandha tigi milqugha biss fl-isfond ta’ l-istess transazzjoni, b’dan li l-istess sentenza tinkorpora dak li effettivament gie tranzatt bejn il-partijiet.

Illi dan ifisser li t-talba attrici ghall-ammont bilancjali tigi milqugha, b’dan li l-istess ammont ghandu jithallas biss *“appena jitlestew ix-xogholijiet kontemplati fl-anness prospett Dok. “HMPL2”* esebit a fol. 105 tal-process ma’ l-iskrittura datata 10 ta’ Ottubru 2002.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti, u biss abbazi tat-tranzazzjoni milhuqa bejn il-partijiet permezz ta’ skrittura privata datata 10 ta’ Ottubru 2002, esbita b’nota tad-29 ta’ Ottubru 2002, **tilqa’ t-talba attrici kif ridotta** fis-somma ta’ tlett elef lira Maltija (Lm3,000) b’dan illi:-

(1) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjetà attrici s-somma ta’ tlett elef lira Maltija (Lm3,000), bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-valur ta’ provvista u tqeghid ta’ madum ta’ ceramika u x-xoghlijiet kollha relatati ma’ dan l-istess tqeghid esegwit mis-socjetà attrici fil-fond di propjetà tal-konvenuti konjugi Zammit, fuq inkarigu ta’ l-istess konvenuti konjugi Zammit, b’dan pero’ li din is-somma hija pagabbli mill-istess konvenuti *“appena jitlestew ix-xogholijiet kontemplati fl-anness prospett Dok. “HMPL2””* esebit a fol. 105 tal-process ma’ l-iskrittura datata 10 ta’ Ottubru 2002 u kif miftiehem bejn il-partijiet fl-istess skrittura.

Illi l-ispejjez ta’ din il-kawza ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-partijiet kif miftiehem fl-istess skrittura privata ta’ l-10 ta’ Ottubru 2002.

**Moqrija.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------